MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 133/2007

**A B C f' isimha proprju, u f' isem bintha l-minuri D, nominata kuratrici ad litem b' digriet tat-28 ta' Marzu 2007**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati b' digriet tat-2 ta' April 2007 biex jirrapprezentaw lill-assenti E F B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici pprmettiet u talbet hekk:

Illi jiena u zewgi zzewwigna fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994) fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok. A.

Illi miz-zwieg taghna twieldet minuri bl-isem ta’ D u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat Dok. B.

Illi l-hajja konjugali taghna saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u abbandun ghal snin twal, kommessi minn zewgi, u minhabba li z-zwieg taghna tkisser irrimedjabilment kif sejjer jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Illi gejt awtorizzata illi nipprocedi b’ din il-kawza permezz ta’ digriet moghti mill-Qorti Civili – Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja, gia’ Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, liema digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok. C.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi, abbandun ghal snin twal, kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici u lill-minuri D manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta’ l-istess attrici u tal-minuri u l-mezzi tal-konvenut bil-modalita’ ta’ hin, lok, u gurnata ta’ pagament li tigi wkoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta fis-shih jew parzjalment b’ dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta’ lok illi ssir din is-separazzjoni.

4. Taffida lill-attrici bil-kura u l-kustodja tal-minuri D.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

6. Tordna lill-attrici u lil bintha D jghixu esklussivament fid-dar konjugali numru ghoxrin (20), blokk numru sebgha (7), appartament numru tnejn (2), Triq Wigi Rosato, Bormla.

7. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

8. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C.

L-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghar-rikors odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lilu fit-termini ta' l-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi mhux kontestati jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut assenti, cittadin Lebaniz, fit-22 ta' Dicembru 1994, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla D fil-21 ta' Dicembru 1996.

Illi meta l-attrici kellha biss xaharjen tqala, f' Mejju 1996 zewgha abbanduna d-dar konjugali minghajr ma taha

ebda raguni. L-attrici tikkonferma li “minn minu telaq sallum, [zewgha] la qatt ikkuntattjani, u lanqas qatt interessa ruhu jara lil bintu li qatt ma ra mitwielda. Fil-fatt minn mindu telaq, qatt ma rcevejt manteniment minghandu la ghalija u lanqas ghat-tifla.”

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa l-abbandun da parti tal-konvenut assenti fit-termini ta’ l-artiklu 41 tal-Kap.16 stante li jirrizulta li ghaddew sentejn u aktar mid-data li fiha huwa telaq mid-dar konjugali u halla lil martu, incinta bit-tarbija taghhom, tfendi ghar-rasha minghajr ebda sostenn; u dan l-abbandun kien minghajr raguni valida.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 41tal-Kap.16 attribwibbli unikament lill-konvenut assenti;

[2] tilqa’ t-tieni talba limitatament billi taffirma d-dritt ta’ l-attrici li titlob manteniment minghand zewgha l-konvenut, ghaliha u ghal bintha minuri D; izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-komplament tat-talba stante li ma ngabux provi f’ dan ir-rigward;

[3] tilqa’ t-tielet talba, u tapplika fl-intier tieghu d-dispost ta’ l-artikolu 48[1] b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 51 tal-Kap.16;

[4] tilqa’ r-raba talba fl-interess tal-minuri li ilha titrabba mill-attrici minn mindu twieldet;

[5] tilqa’ il-hames talba limitatament billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti; izda tichadha ghall-kumplament stante li ma ngabux provi f’ dan ir-rigward;

[6] tilqa’ is-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tghix, flimkien ma’ bintha D, fid-dar konjugali numru ghoxrin [20] blokk numru sebgha [7] appartament numru tnejn [2] Triq Wigi Rosato Bormla, ad eskluzjoni tal-konvenut assenti;

[7] tilqa’ s-seba talba;

[8] tilqa’ t-tmien talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe’ ‘C’.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------